# L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali (IPPI): April 2024

NR 100/2024 Data tal-Ħruġ: 30 ta' Mejju 2024 Data tal-Għeluq: 24 ta' Mejju 2024

*F'April 2024, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali rreġistra żieda ta' 0.6 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar tal-2023.*



**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Meta mqabbel ma' April 2023, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali tela' b'0.6 fil-mija. Żidiet fil-prezzijiet kienu rreġistrati fl-oġġetti kapitali (6.2 fil-mija) u fl-oġġetti tal-konsum (1.1 fil-mija) L-oġġetti intermedji naqsu b'1.7 fil-mija. Ma kienx hemm tibdil fil-prezz fis-settur tal-enerġija.

Il-prezzijiet tal-produtturi industrijali għas-suq domestiku żdiedu b'0.8 fil-mija. Żidiet fil-prezzijiet dehru fl-oġġetti tal-konsum (3.8 fil-mija) u fl-oġġetti kapitali (0.1 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-oġġetti intermedji naqsu b'0.4 fil-mija.

Il-prezzijiet mhux domestiċi żdiedu b'0.4 fil-mija. Hawnhekk, il-prezzijiet tal-oġġetti maħsuba għaż-Żona tal-Ewro telgħu b'0.9 fil-mija, filwaqt li ta' dawk maħsuba għaż-Żona mhux tal-Ewro ma nbidlux (Tabella nru 2).

**Tqabbil max-xahar ta' qabel**

F'April 2024, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali żdied b'0.5 fil-mija meta mqabbel ma' Marzu 2024. Kien hemm żidiet ta' 1.6 fil-mija fl-oġġetti intermedji u ta' 0.1 fil-mija fl-oġġetti kapitali. Ma kien hemm l-ebda tibdil fil-prezzijiet fl-oqsma tal-enerġija u tal-oġġetti tal-konsum.

Il-prezz totali tas-suq domestiku ma nbidilx, filwaqt li l-prezzijiet mhux domestiċi żdiedu b'1.0 fil-mija. Il-prezzijiet tal-oġġetti maħsuba għaż-Żona mhux tal-Ewro kif ukoll dawk maħsuba għaż-Żona tal-Ewro telgħu b'1.0 fil-mija u b'0.9 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali

(2021=100) għall-industrija kollha

